IT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Deċiżjoni Numru 2413
Każ Numru 3066/KBC
Fil-kwistjoni tax-xogħol bejn:

Ms. Eileen Leone Ganado
u
Link School of Languages

dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta

Chairperson: Dr Katrina Borg-Cardona

Illum 30 t'Ottubru 2015

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' l-25 ta' Settembru, 2012, li permezz tiegħu r-rikorrenti allegat li l-impjieg tagħha kien terminat għal raġuni mhux ġustifikata.

Ra d-dikjarazzjoni tal-każ tar-rikorrenti.

Ra d-dikjarazzjoni tal-każ tas-soċjetà ntimata li permezz tagħha ġġustifikat it-tkeċċija tar-rikorrenti għal raġuni ta'dixxiplina.

Ra l-lista tax-xhieda tas-soċjetà ntimata.

Sema' x-xhieda ta' Gillian DeGaetano, waħda mid-diretturi tas-soċjetà ntimata, li qalet li fis-27 ta'Gunju, 2012, kienet ħierġa mill-iskola mar-raġel meta nnotat li kien hemm it-twieqi ta' klassi miftuhin u bl-*airconditioner* mixgħul. Talbet lir-raġel jistenniha ftit u

daħlet tara. Sabet li l-klassi kienet dik tar-rikorrenti u kkonfermat illi kien hemm it-twieqi miftuħin u l-*airconditioner full on.* Ir-rikorrenti kienet għamlet dan drabi oħra u kienet ġiet avżata biex jew tagħlaq it-tieqa jew titfi l-*airconditioner.* Billi xi żmien qabel kienet għamlitilha xenata meta kellimtha fuq nuqqas ieħor, Gillian DeGaetano stqarret illi hija bezgħet jew hassitha skomda tkellimha hi u talbet lill-Assistent Direttur tal-Istudji, Joanne Busuttil, biex titlob lir-rikorrenti hi sabiex jew tagħlaq it-tieqa jew titfi l-arja kkundizzjonata. Qalet ukoll illi hi marret warajha biex tisma'. Dak il-ħin ir-rikorrenti kienet qed tgħallem żewg studenti ta' eta zgħira u meta Joanne qaltilha li se titfi l-arja kkundizzjonata r-rikorrenti bdiet tgħajjat quddiem l-istudenti u b'mod li jinstema' mill-kurridur qalet "*I hate this job"* qabdet il-control ta' l-air conditioning unit u kompliet "*she can stick this up her arse".* Qalet ukoll illi għalkemm Joanne indikatilha li kien hemm it-tfal xorta baqgħet tirrepeti dak id-diskors. F'dak il-ħin Gillian DeGaetano marret tiġri lejn il-karozza fejn kien hemm ir-raġel u nfexxet tibki. Imbagħad ċemplet lil Joanne u qaltilha biex tmur tgħid lir-rikorrenti illi l-impieg tagħha spiċċa b'mod immedjatament u illi "*she is being dismissed under disciplinary measures".*

Xehedet ukoll li fl-aħħar sitta jew seba' xhur ir-rikorrenti kienet bidlet l-atteġġjament b'mod li meta jikkoreġiha xi ħadd tibda tgħajjat u tagħmel xenati. Qalet ukoll li ir-rikorrenti kellha tiġi ammonita biex ma titkellimx ma' studenti fuq politika speċjalment ma' dawk Libjani billi seta' kien il-każ illi studenti differenti kienu jaħsbuha differenti dwar is-sitwazzjoni politika f'pajjiżhom.

Sema' x-xhieda ta' Roger Degaetano, r-ragel ta' Gillian u direttur tas-soċjetà ntimata, dwar l-istat imbikkem li bih reġgħet lura il-mara wara l-inċident tat-tieqa u l-arja kkundizzjonata. Qal li l-atteġjament tar-rikorrenti kien inbidel fl-aħħar xhur. Fi żmien tlieta/erba' xhur fl-aħħar sena ta' l-impjieg tagħha għamlet xenati b'għajjat u mossi diversi drabi.

Sema' x-xhieda ta' George DeGaetano, it-tifel tad-Diretturi u General Manager tas-soċjetà ntimata. Huwa semma kaz fejn ir-rikorrenti għamlet xenata fuq €3 li kellha tieħu għal xi telefonati illi hija kienet għamlet għan-nom tas-soċjetà ntimata. Ukoll li dakinhar

tal-inċident, mill-uffiċju tiegħu sema' għajjat ġej mill-klassi tar-rikorrenti fosthom il-kliem "*she can stick it up her arse".* Qal ukoll illi Joanne Busuttil kienet reġgħet lura fl-uffiċju fi stat ta' xokk, b'wiccha aħmar nar u tberraq għajnejha. Talbitu jmur magħha fil-klassi tar-rikorrenti fejn sabu t-tfal jibku u f'dak il-ħin Joanne qaltilha li qed tiġi *dismissed on disciplinary grounds.*

Sema' x-xhieda ta' Joanne Aristea Busuttil li qalet li dak in-nhar ta' l-inċident Gillian DeGaetano infurmatha li fil-klassi ta' Eileen Leone Ganado kien hemm it-tieqa miftuħa u l-arja kundizzjonata mixgħula. Qaltilha biex tmur tkellimha hi, tneħħi r-*remote control* u tħalli it-tieqa miftuha u li t-tnejn flimkien ma setgħux joqgħodu. Dik ma kienetx l-ewwel darba li ġrat dik is-sitwazzjoni ma' Eileen. Fil-klassi kien hemm żewg subien Libjani ta' ta' tnax-il sena u seba' snin rispettivament. Hi qaltilha…."*Eileen, its quite counter productive to have the AC on and the window open". She started ranting"* u qalet ..*"she told you to come and get it, she told you to come and get it."* Jien għidtilha "*Eileen it is better if we just leave the window open and take the remote".* Hi kompliet "*I don't need this job"* u dak li xxokjani l-iżjed kien meta bir-*remote* f'idejha rrepetiet aktar minn darba "*she can stick it up her arse".* Għalkemm indikajtilha ħafna drabi li kien hemm it-tfal ma tatx każi u baqgħet tirrepeti dan il-kliem.

Hi telqet u meta daħlet l-uffiċju kien hemm Gillian fuq it-telephone, qaltilha li semgħet kollox u li kellha titterminalha l-impieg *immediately on disciplinary grounds.* Hi talbet lil George DeGaetano, il-general manager, biex imur magħha għaliex billi diġà kienet aggressiva fil-konfront tagħha beżgħet mir-rejazzjoni tar-rikorrenti.

Xi xhar qabel Gillian kienet qaltilha biex tkellimha dwar tlett punti: li ma tgħollix lehenha ma' oħrajn, speċjalment quddiem it-tfal, li ma tiddiskutix affarjiet interni barra l-uffiċju u li problemi jiġu diskussi mall-ufficjali konċernati u bil-bibien magħluqin. Kienet bagħtitilha *email* biex tikkonferma d-diskussjoni li kellhom dwar diffikultajiet tax-xoghol.

Qalet ukoll li kawża ta' l-inċident li wassal għat-tkeċċija, l-iskola tilfet iż-żewg studenti kif ukoll lil ħuthom li meta jkunu Malta kienu jagħmlu korsijiet. B'kollox l-iskola tilfet sitt *long-term students.*

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-socjetà ntimata dwar l-impieg tar-rikorrenti, il-*leave* tagħha, il-*policy* ta' l-iskola, il-*Health and Safety* u l-manutenzjoni tal-*air conditioner*.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti li qalet li:

a) Hi kienet tiftaħ it-tieqa biex tiċċirkola l-arja għaliex l-*air conditioner* kien jagħmel riħa u kienet qalet dan lil Roger DeGaetano;
b) L-iskola riedet teħles minnha għax kellha paga għolja u setgħet timpjega *teachers* b'rata anqas;
c) L-iskola kienet ippreżentatilha kuntratt li bih kienet se titlef ħafna mid-drittijiet li kienet akkwistat fi tnax-il sena;
d) Qatt ma ingħatat *warnings*;
e) Gillian DeGaetano ivvintat kollox dwar allegati nuqqasijiet tagħha;
f) Ma qaletx il-kliem li minħabba fihom tkeċċiet.
g) Ma ngħatatx opportunità li tiddefendi ruħha.

Ra d-dokumenti ppreżentati mir-rikorrenti u ċioè l-*email* mingħand Joanne, dokumenti dwar ħlasijiet dovuti lilha, formola ta' *availability,* kuntratt ta' l-impjieg u *Indoor Air Quality report.*

Fit-trattazzjoni finali sostniet dawn il-punti u żiedet li minħabba ineffiċjenza tal-*air conditioner* kienet issofri minn *sick building syndrome.*

Minn naħa tagħha is-soċjeta ntimata kkontendiet li :

a) L-*air conditioning* unit kien isirlu manutenzjoni regolari, li qatt ma kien hemm *complaints* minn teachers oħra u ma li ġiex innotat xi nuqqas waqt spezzjonijiet ta' *Health and Safety;*

b) Mhux minnu li riedet teħles mir-rikorrenti. Iż-żmien li fih tkeċċiet ir-rikorrenti kien qrib ħafna il-*peak period* li fih jiġu Malta studenti u kien ikun diffiċli ferm biex wieħed isib min jirrimpjazzaha. Barra minn hekk is-soċjetà setgħet, li riedet, titterminalha l-impieg għax kienet għalqet l-età tal-irtirar u kellha wkoll il-possibbiltà li tallokalha anqas lezzjonijiet peress li ma kienetx marbuta bin-numru ta' lezzjonijiet li tassenjalha;

c) Permezz tal-kuntratt li kien offrut lilha ma kienet se titlef xejn mill-paga jew benefiċċji li kienet tgawdi;

d) Għalkemm ma ngħatatx *written warnings* diversi drabi inġibditilha l-attenzjoni dwar nuqqasijiet;

e) Qatt ma kienet semmiet is-*sick building syndrome* jew ippreżentat xi ċertifikat mediku dwar dan;

f) Kien hemm tlett xhieda, Joanne Aristea Busuttil, Gillian DeGaetano u George DeGaetano, li kkonfermaw li r-rikorrenti qalet il-kliem li wassal għat-tkeċċija tagħha.

Sema' l-kontro-eżamijiet tax-xhieda rispettivi;

Ra d-dokumenti kollha eżebiti mill-partijiet;

Sema' t-trattazzjoni orali tal-partijiet;

Ra n-noti ta' osservazzjonijiet ippreżentati mill-partijiet;

Ra li fis-seduta tat-8 ta' Mejju, 2015, il-każ ġie differit għad-deċiżjoni;

**Ikkunsidra:-**

Il-mertu tal-kaz jipperna dwar jekk ir-rikorrenti agixxietx bil-mod allegat, u cioè b'mod aggressiv u bl-użu ta' diskors mhux xieraq tenut kont anki l-età tal-istudenti taħt il-kura

tagħha u jekk fl-affermattiv jekk dan l-aġir jikkostitwix raġuni tajba u suffiċċjenti skont il-liġi.

Ir-rikorrenti ma ġabet l-ebda prova, għajr dak li xehdet hi stess, biex tinnega dak allegat mis-soċjetà ntimata. Mill-banda l-oħra x-xhieda Gillian DeGaetano, Joanne Aristea Busuttil u George DeGaetano, prodotti mis-soċjetà ntimata, lkoll semgħu il-mod aggressiv kif ir-rikorrenti aġixxiet u d-diskors illi lissnet l-istess rikorrenti meta Joanne Aristea Busuttil marret titlobha biex jew tagħlaq it-tieqa jew titfi l-arja kkundizzjonata, liema diskors ma kienx xieraq li jinghad minn ghalliema fi klassi, specjalment fejn kien hemm studenti ta' eta tenera. L-istess xhieda ddeskrivew ukoll it-ton u l-volum ta' leħen użat mir-rikorrenti li kien tali li jippermetti illi jinstema' minn terzi barra l-klassi inkluz mill-uffiċċju ta' George DeGaetano. Dan ta' l-aħħar flimkien ma' Roger DeGaetano wkoll qalu fix-xhieda tagħhom illi fuq medda ta' sitta jew seba' xhur l-atteġjament tar-rikorrenti lejn is-superjuri tagħha kienet inbidlet fis-sens illi kienet tgħolli leħinha, teċita ruħha u ġeneralment turi nuqqas ta' rispett. George DeGaetano u Joanne Aristea Busuttil ukoll xehdu dwar inċidenti oħra fejn ir-rikorrenti aġixxiet b'mod mhux aċċettabbli u cioè l-inċident fejn ir-rikorrenti talbet ir-rimbors ta' spejjeż li kienet għamilt u wkoll incident ieħor fejn ir-rikorrenti ntalbet mis-superjuri tagħha sabiex ma tiddiskutix ċertu materji sensittivi ma' student tagħha. L-istess attitudni xi ftit aggressiva issemmiet ukoll minn Roger DeGaetano meta xehed dwar l-inċdient frivolu tal-*marker*. Gillian Degaetano wkoll, fix-xhieda tagħha, semmiet żewġ inċidenti oħra meta skont ix-xhud ir-rikorrenti aġġixxiet b'mod dispreġjattiv.

It-Tribunal innota wkoll illi r-rikorrenti nnifisha ammettiet illi hija kienet tiftaħ it-tieqa filwaqt illi kienet tkun mixgħula s-sistema tal-arja kkundizzjonata b'mod regolari, fi kliemha *"…to put my mind at rest, that there is a good circulation of air."* u żiedet tgħid però illi "Mr Degaetano kien jaf biha … ". It-Tribunal innota wkoll illi apparti l-inċidenti msemmija, is-soċjetà ntimata qatt ma kkontestat il-performance tajba tar-rikorrenti tul it-tnax-il sena tal-impjieg tagħha.

Allura hawnhekk it-Tribunal irid janalizża l-kredibbiltà, konsistenza u komportament tax-xhieda li tressqu fejn l-ispjegazzjonijiet mogħtija mir-rikorrenti, fix-xhieda fit-tul tagħha

in eżami kif ukoll in kontro-eżami, dwar l-allegat aġir tagħha ma kienux sodisfaċenti u l-enfasi tax-xhieda tagħha kienet dwar ċirkostanzi oħra illi skont hi wasslu għat-terminazzjoni tal-impjieg tagħha pjuttost milli fatti li permezz tagħhom hija setgħet tirribatti l-allegazzjonijiet magħmula fil-konfront tagħha. It-Tribunal innota wkoll illi r-rikorrenti kienet qabżet l-età tal-irtirar u li minkejja t-teżi tar-rikorrenti illi s-soċjetà ntimata riedet teħles minnha, r-rikorrenti xorta nżammet fuq il-kotba tas-soċjetà ntimata u baqgħet tingħata numru ta' lezzjonijiet/siegħat komparabbli.

Tenut kont ta' dan kollu it-Tribunal ikkonsidra li l-mod kif aġġixxiet ir-rikorrenti meta ffaċċjata minn rikjesta leċita tas-superjuri tagħha kien inaċċettabbli u kien jikkostitwixxi *gross insubordination* li jimmerita terminazzjoni tal-impjieg.

**Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jiddeċiedi li t-terminazzjoni ta' l-impjieg saret għal raġuni ġusta u suffiċjenti skont il-liġi u għalhekk jiċħad it-talba tar-rikorrenti.**

Għall-fini ta' taxxa u drittijiet jiffissa s-somma ta' tlieta u disgħin ewro u sbatax il-ċentezmu (€93.17).

Ai termini ta' l-Artiklu 78(1) tal-Kap 452 t-Tribunal jiddikjara li minħabba n-numru ta' seduti u differimenti ma kienx possibbli li l-każ jinstema' u jinqata' fi zmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

(Iffirmat)
Dr Katrina Borg-Cardona
Chairperson

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**